# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Gunju 2002

## Avviz numru : 52/2002GT(GM)

**Anthony Buttigieg**

**vs**

**Frances Bugeja**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Peress illi l-attur silef is-somma ta' mija u hamsin liri Maltin (Lm150) brevi manu lil konvenuta sabiex bihom jithallsu danni fuq il-vettura taghha.**

**Peress illi l-konvenuta ma hallsitx dawn il-flus lura.**

**Tghid il-konvenuta ghaliex ma ghanhiex tigi kkundannata minn dan it-Tribunal**

1. **Thallas lill-attur is-somma ta' mija u hamsin liri Maltin kif fuq dovuta.**
2. **Thallas l-imghaxijiet skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kollha nkluza VAT, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' l-4 ta' April 2002 u ta' l-Ittra ufficjali ta' April 2002. bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni."**

**Ra r-riferta posittiva imnejn jirrizulta li l-konvenuta giet debitament notifikata izda la pprezentat risposta u lanqas dehret ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fit-28 ta' Mejju 2002 u dik tal-lum;**

**Sema' d-deposizzjoni guramentata ta' l-attur li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal**

**jilqa' t-talba tal-attur u ghalhekk jikkundanna lill-konvenuta ghall-hlas ta' mija u hamsin liri Maltin (Lm150) bl-imghax legali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, u tal-ittra interpellatorja tal-4 ta' April 2002 u tal-ittra ufficjali t'April 2002 a kariku tal-konvenuta.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**